# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

### MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis : 14 ta' Marzu, 2002 .

### Citazzjoni numru : 50/1998G1(PC)

S.B.Auto Centre Limited .

Vs

Maria Concetta Vella .

Il-Qorti ,
Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) is-socjeta' attrici kellha vettura tal-marka Seat Inca Van 1.9 diesel, illi ggib in-numru tac-chassis 003034, ipparkjata quddiem ix-showroom taghha fi Triq Mgarr, Xewkija .

Illi din il-vettura kienet ghadha gdida fjamanta tant illi lanqas biss kienet ghadha giet registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija, stante illi l-istess socjeta' kienet akkwistat din il-vettura ghall-iskop specifiku illi tbieghha fuq is-suq u kwindi r-registrazzjoni ssir mal-ewwel fuq l-akkwirent ;

Illi hin minnhom, inti konvenuta li kont qeghda ssuq il-vettura tieghek Escort numru tar-registrazzjoni GAH 235 bqajt diehla f'din il-vettura pparkjata u kkagunajt hsarat ingenti f'din l-istess vettura; konsistenti f'tghawwig ta' axle u hsarat f'partijiet ohra importanti ;

Illi ghall-incident fuq imsemmi tahti unikament u esklussivament inti konvenuta Maria Concetta Vella, minhabba sewqan eccessiv u imprudenti da parti taghha, u minhabba illi inti nqast tosserva r-regolamenti tat-traffiku;

Illi oltre l-ispejjez necessarji sabiex tissewwa l-vettura, minhabba dawn il-hsarat, il-vettura tas-socjeta' attrici tilfet hafna mill-valur taghha stante illi mhus possibbli illi llum din il-vettura tinbiegh fuq is-suq bhala gdida, u kwindi d-danni sofferti mill-istess socjeta' ghandhom ikunu s-somma ta' erbat elef disa' mija u sebgha u tmenin lira maltija (Lm4987), illi huwa l-valur tal-istess vettura kif akkwistat mill-esponenti, oltre l-interessi fuq din is-somma b'effett mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data tal-

effettiv pagament kif ukoll il-mankat profitt mill-bejgh illi kien sejjer isir tal-van de quo .

Illi ghalkemm is-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta donnha tidher illi accettat ir-responsabbilita' ghall-incident hija ma hijiet qeghda taccetta illi thallas id-danni kollha effettivament sofferti mill-attrici .

Talbet lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lil Maria Concetta Vella unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali ;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .
3. Tikkundannakom thallsu dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar, 1998, kontra tieghek, kif ukoll tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Raymond Bajada .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet :

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident li sehh fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru, 1997 fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex ma garax tort u responsabilita' tal-esponenti, izda unikament minhabba l-fatt illi s-socjeta' attrici zammet karozzi mhux illicenzjati pparkjati fi triq principali u traffikuza u f'post ipprojbit ghall-ipparkeggjar ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-hsarat li garrbet il-vettura tal-marka Seat Inca Van 1.9 diesel, illi ggib in-numru tac-chassis 003034, ma jammontax ghal erbat elef disa' mija u sebgha u tmenin lira maltin (Lm4987), u s-socjeta' attrici trid iggib prova adegwata tad-danni illi hija qeghda tallega li sofriet stante li certament dawn id-danni ma jlahhqux l-ammont mitlub ;

3. Illi s-socjeta' Untours Limited illi hija s-socjeta' assikuratrici tal-esponenti offriet li thallas l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici bil-kundizzjoni illi s-socjeta' attrici taghti l-vettura fl-istat li hi llum lill-istess socjeta' assikuratrici haga li hija irrifjutat li taghmel u ghaldaqstant l-

ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sapportati fl-intier taghhom mis-socjeta' attrici .

4. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha mahlufa.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittrattta dwar incident stradali li fih kienu involuta karozza misjuqa mill-konvenuta u *van* zghira pparkjata quddiem is-*showroom* tas-socjeta' attrici fix-Xewkija . Mill-provi prodotti, inkluz l-iskizz relattiv redatt mis-surgent tal-Pulizija li kien investiga l-kaz, jidher illi din il-kollizzjoni sehhet hekk kif il-konvenuta kienet ghadha kemm qabzet ir-*roundabout* li hemm fl-inhawi u li tidher fuq li skizz esebit (a fol. 20) fi triqitha lejn l-Imgarr . Ghal xi raguni jew ohra tilfet il-kontroll tal-karozza u baqghet tiela fuq il-bankina li hemm quddiem ix-*showroom* tas-socjeta' attrici (ara *brake-marks* indikati fuq li skizz) u laqtet vettura gdida, proprjeta' tas-socjeta' attrici li kien hemm ipparkjata quddiem l-istess showroom . Joseph Bajada li kien riekeb bhala *front-seat pasenger* maghha jghid illi nqalghet xi hsara fl- isteering . Kienet x'kienet pero' r-raguni vera ta' dan l-incident, u sew jekk kien dovut ghal negligenza, imprudenza jew nuqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, kif ukoll jekk dan kien dovut ghal xi hsara li nqalghet f'daqqa wahda fil-karozza taghha, certament li ma tista' tigi imputata ebda htija lis-socjeta' attrici jew lid-dirigenti taghha . Il-vettura taghhom kienet stazzjonarja, anzi pparkjata sewwa fuq il-bankina u ma kienet qed tohloq ebda tip ta' ostakolu ghat-traffiku li jkun ghaddej minn quddiem dik il-bankina . M'hemmx l-icken dubbju ghalhekk illi ghal dan l-incident tahti unikament il-konvenuta, li trid twiegeb ghall-konsegwenzi tieghu .

Is-socjeta' attrici ressqet provi bizzejjed biex tissostanzja l-pretensjonijiet taghha dwar id-danni subiti fil-vettura in kwistjoni . Din kienet ghada wahda gdida fjamanta . Tant hu hekk illi lanqas biss kienet ghada giet registrata mal-Pulizija . Bid-daqqa li garrbet, apparti li laqtet id-daqqa minn quddiem bil-karozza tal-konvenuta, intrasset ukoll lura mal-hajt tax-*showroom* . Id-danni kienu konsiderevoli u idea taghhom tista' tittiehed mis-*surveyor's*

*report* kommisjonat sew mis-socjeta' attrici (Dokti TM 1 sa TM 7), kif ukoll mid-ditta assikuratrici tal-konvenuta (a fol. 45). Pero' apparti l-parts li setghu jinbidlu jew jissewwew, gie spjegat mid-diretturi tas-socjeta' attrici, illi kien hemm ukoll partijiet ta' din il-vettura li ma setghux jinbidlu, hlief jekk tizzarma parti sostanzjali taghha . Ghalhekk din kienet ser tibqa' dejjem difettuza u qatt ma setghet terga' tingieb fil-kondizzjoni originali taghha . Zgur ghalhekk illi din il-vettura qatt ma tista' tinbiegh bhala gdida, imma trid necessarjament tigi offruta ghall-bejgh minghajr ebda garanzija u bhala karozza msewwija, fejn ghalhekk il-prezz taghha fuq is-suq ser jonqos sostanzjalment .
Irrizulta mid-dokumenti esebiti illi s-socjeta' attrici kienet xtrat din il-karozza minghand l-importaturi ghall-prezz ta' erbat elef sitt mija disa' u disghin lira maltija (Lm4699), sabiex tinbiegh erbat elef disa' mija hamsa u disghin lira maltija (Lm4995), (Dok. RB. 1 a fol. 26) . Pero' Raymond Bajada ghas-socjeta attrici spjega fid-depozizzjoni tieghu illi l-prezz ghall-bejgh kien proprjament dak indikat fic-citazzjoni u cioe' erbat elef disa' mija sebgha u tmenin lira maltija (Lm4987) u mhux dak erronjament indikat fuq l-invoice .

Fi trattattivi li kien hemm ghal soluzzjoni bonarja bejn is-socjeta' attrici u d-ditta assikuratrici tal-konvenuta, ir-rapprezentati ta' l-istess socjeta' attrici kienu qeghdin jistmaw il-valur attwali tal-vettura danneggjata fis-somma ta' elf lira maltija (Lm1000), (Dok. SB. 2 a fol. 25) . Ma gie nominat ebda espert bex jaghmel valutazzjoni tal-karozza in kwistjoni, imma l-Qorti thoss illi, tenut kont tal-hsarat li garrbet l-istess karozza u d-*depriciation* taghha, anke ghax issa lahqu ghaddew hames snin minn dan l-incident, din l-istima hija wahda ragonevoli . Minn naha l-ohra l-unika offerta da parti tad-ditta assikuratrici tal-konvenuta, jidher li kienet dik biss li jhallsu ghar-riparazzjoni ta' dan il-*van* f'ammont totali ta' elf tliet mja u tletin lira mlatija (Lm1330), (ara ittra Dr. J. Micallef Stafrace u survey report a fol. 44, 45) . Imma ma rrizultax illi qatt ittiehed in konsiderazzjoni l-*loss of value* ta' din il-karozza in segwitu ghall-incident in kwistjoni .

F'tali cirkostanzi, u mehud in konsiderazzjoni illi fi hwejjeg simili d-danni ghandhom kemm jista' jkun jigu minimizzati, l-Qorti hija tal-fehma illi ghandha taccetta l-istima maghmula mis-socjeta' atttrici u tiddikjara illi l-valur attwali tal-karozza dannegjata huwa ta' elf lira maltija (Lm1000) . Konsegwentement il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici d-differenza bejn il-prezz imhallas minnha lill-importaturi (Lm4699) u dan l-ammont, u cioe' tliet elef sitt mija disa' u disghin lira maltija (Lm3699) .

Peress illi s-socjeta' attrici hallset is-somma ta' Lm4699 lill-importaturi, meta attwalment xtrat minghandhom din il-karozza, kien hemm telf ta'

interessi fuq is-somma sborzata minn dik id-data, u cioe' mit-22 ta' Dicembru 1997 ghal aktar minn erba' (4) snin u dana kif jirriuzlta mill-*invoice* relattiva (Dok. RB. 1) . Il-konvenuta ghandha ghal hekk thallas: Lm4699 x 8% x 4= Lm1503.68, (arrotondati jgibu: Lm1504) biex taghmel tajjeb ghal dawn l-imghaxijiet mitlufa .

Kieku din il-karozza inbieghet gdida, is-socjeta' attrici kien ser jibqaghla profitt ta' : Lm4987 - Lm4699 = Lm288 . Jekk jirnexxilha tbiegh il-karozza danneggjata, naturalment wara li jsirulha t-tiswijiet mehtiega, il-profitt jekk ikun hemm, zgur ser ikun inqas . Ghalhekk il-Qorti qed tillikwida 'arbitrio boni viri', somma ohra ta' mitt lira maltija (LM100) biex taghmel tajjeb ghal dan it-telf fil-profitt .

Ghaldaqstant l-ammont totali li qed jigi likwidat in linea ta' danni dovuti lis-socjeta' attrici ghall-incident 'de quo' huwa ta' :

| | |
|---|---|
| (i) ghad-differenza fil-valur tal-karozza : | Lm3699 |
| (ii) ghat-telf ta' interessi : | 1504 |
| (iii) ghat-telf fil-profitt : | 100 |
| - total ta': | Lm5303 |

u cioe': hamest elef tliet mija u tliet liri maltin .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli mill-incident stradali indikat fic-citazzjoni ;
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici konsegwenza ta' dan l-incident fis-somma ta' hamest elef tliet mija u tliet liri maltin (Lm5303) , u
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar 1998 u ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuta .

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-registratur

S5098G1(PC)
1736